MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 295/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
vs
Alison McKeown

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fl-10 ta' Ottubru 2003 in atti Nutar Dottor Isabelle Gonzi (Dok A) is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Alison McKeown.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Alison McKeown fis-somma ta' sitta u sittin elf, mitejn u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€66,282.37) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Alison McKeown mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u "C1 sa C4")

flimkien mal-imghax ulterjuri mis-17 ta’ Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmija (esebit mar-rikors bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alison McKeown:

(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Alison McKeown li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuta Alison McKeown giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata fit-28 ta’ Mejju 2009 li kopja taghha giet esebita mar-rikors u mmarkata Dok “D”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmija (esebit mar-rikors bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alison McKeown (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Alison McKeown li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Alison McKeown thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitta u sittin elf, mitejn u tnejn

u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€66,282.37) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Alison McKeown mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B4”, u “C1 sa C4”) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-17 ta’ Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fit-28 ta’ Mejju 2009 kontra l-konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2010 deher Dr. Thomas Abela ghall-intimata u ipprezenta nota ta’ ammissjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, il-Qorti tqis it-talbiet tal-bank rikorrenti gustifikati u tilqa’ l-istess talbiet.

Ghalhekk tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alison McKeown (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Alison McKeown li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Tikkundanna lil Alison McKeown thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sitta u sittin elf, mitejn u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€66,282.37) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Alison McKeown

mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mis-17 ta' Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------